# Kappelli Maltin



Meta wieħed idur madwar t-toroq tal-gżejjer tagħna wieħed jiskanta b'-ammont kbir ta' tempji kbar u ta' valur artistiku kbir li għandna, imma mhux biss. Jekk wieħed jerħilha lejn il-kampanja jara ammont sabiħ ta' knejjes żgħar jew kappelli. Wieħed isib dawn il-knejjes żgħar kemm fiċ-ċentri u fit-truf ta' l-irħula, fil-kampanja, u wkoll fl-inqas postijiet li tistennihom bħal f'widien, għoljiet, f'għelieqi li mhux faċli tilħaqhom u saħansitra f'xifer l-irdum.



### Kappelli jew knejjes żgħar?

Nibdew mill-isem, aħna nirreferu għal knejjes żgħar, kultant, b'mod inkorrett u nsejħulhom kappelli. Huwa interessanti li wieħed jagħraf d-differenza bejniethom. Skond Dr. Mario Buhagiar, kappella hija parti minn knisja ikbar, bħal ma nsibu fil-kappelli jew kappelluni fil-knejjes parrokkjali tagħna bl-artali tagħhom. Kappella ma tistax tkun bini fiżikament indipendenti. L-uniku kuntest fejn kappella tista' tkun knisja indipendenti kien fi żminijiet medjevali meta "kappella" kienet il-parroċċa tal-lum, bħal ngħidu aħna l-kappella ta' Bir Miftuħ li fis-seklu ħmistax kienet il-parroċċa li tinkorpora ħafna l-irħula tal-madwar. Ta' min jgħid li l-kelma kapillan ġejja mill-kelma kappella u tfisser "dak li jieħu ħsieb kappella, jew knisja parrokkjali tal-lum".



### Oriġini

Il-kult ta' venerazzjoni fost il-poplu Malti, jmur lura għal ħafna snin. Fil-fatt insibu, li madwar ħamest elef sena qabel Kristu, kien diġa hawn tempji, fejn fihom kienu jagħtu qima lill-Allat li kienu jemmnu fihom, f'dawk iż-żminijiet.

Għadda ż-żmien, u Alla ried li San Pawl jiġi fostna biex jikkonvertina għar-reliġjon Nisranija. Min dak iż-żmien il-hawn, jidher li l-Maltin baqgħu dejjem fidili lejn it-twemmin Nisrani tagħhom.

Jidher li wara li l-Għarab fis-seklu 13 ġew imkeċċija minn dawn il-gżejjer, bdew jeqgħu dawn l-knejjes żgħar. Il-Knisja ta' Santa Marija ta' Kemmuna tissemma sa mill-1296, u jidher li kienet waħda minn tal-bidu li nbnew. L-Isqof Senatore de Mello fl-1436 semma għaxar parroċċi tal-kampanja, u dawn kienu knejjes żgħar tal-kampanja jew "kappelli medjevali".



Jidher li fis-seklu ħmistax u sittax kien hemm żieda kbira fil-bini ta' dawn il-knejjes. Fil-fatt hu magħruf li fiż-żjara tiegħu fl-1575, Monsinjur Pietro Duzina, għal popolazzjoni ta' xi 20,000 elf ruħ, sab 428 bejn kappelli jew parroċċi u knejjes żgħar madwar Malta u Għawdex.

Imma għalfejn bdew jinbnew dawn il-knejjes kollha? Skond Kilin li kiteb ħafna fuq dawn il-knejjes jidher li kien hemm tliet raġunijiet principali għal dan kollu. L-ewwel u qabel kollox, l-ikbar forza li nbuttat il-bini ta' tant knejjes kienet il-fidi nisranija, li l-Maltin ta' dak iż-żmien kollhom, li ħajjithom kienet iddur mar-religjon Kristjana. It-tieni minħabba li l-kundizzjoni tat-toroq dak iż-żmien kienet ħażina ħafna, għalhekk peress li l-popolazzjoni kienet principalment raħħala u bdiewa, li kienu joqgħdu fi gruppi żgħar madwar il-kampanja, kulħadd ried li jkollu l-knisja tiegħu maġenbu. It-tielet raġuni hija, li nbnew biex jonoraw weghdiet li kienu jsiru għal diversi raġunijiet. Raġuni oħra għaliex inbnew tant knejjes kienet żgur biex fihom isir id-dfin. F'xi uħud minnhom insibu li fihom hemm oqbra, filwaqt li f'xi oħrajn kien isir id-dfin fiz-zuntier tagħhom.

Bla dubju l-ikbar knejjes ta' valur arkitettoniku nbnew fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann li afdaw il-bini ta' dawn il-knejjes lill-aqwa artisti li ħażżew il-pjanti, l-aqwa skulturi u pitturi ta' dak iż-żmien, li tawna tant tejori kbar ta' l-arti. Diversi Granmastri u kavallieri rabtu qalbhom ma dawn il-knejjes li żejnuhom kemm setgħu. Hawnhekk ma nistgħux ma nsemmux lil Fra Wolfgang Philip, Balliju ta' l-Ordni u Baruni ta' Guttenburg, li kien benefattur kbir ta' tant knejjes f'diversi rħula Maltin.

**Devozzjonijiet u leġġendi**

Ma' xi wħud minn dawn il-knejjes, insibu xi leġġendi marbuta magħhom. Stejjer ħelwin li missirijietna kienu jirrakkontaw lil-uliedhom, fil-passat. Forsi mhux kollha huma veri, u ma tistax toqgħod fuqhom, imma jibqa' l-fatt li huma leġġendi ħelwin, u jagħmlu parti mill-folklor tagħna.

Xi wħud minn dawn il-knejjes jitqiesu bħala tempji li fihom xi xbiħat mirakolużi u matul iż-żminijiet il-Maltin kienu jterqu lejn dawn it-tempji mbiegħda f'Malta u Għawdex biex ifittxu il-faraġ jew xi fejqan. Dawn il-pellegrini kienu jagħmlu dan b'imħabba kbira u devozzjoni lejn Alla, il-Madonna u l-qaddisin. F'xi uħud minn dawn il-knejjes insibu devozzjoni kbira, tant li xi wħud minnhom saru pellegrinaġġi nazzjonali b'solennità kbira. Oħrajn kif diġà għidna saru b'wegħda bħal dik ta' Santu Rokku, tal-belt, li saret b'wegħda mill-Università ta' Malta, u dik ta' Sarrija fil-Furjana li ukoll saret b'wegħda, din id-darba mill-Gran Mastru Raphael Cottoner, u l-Kunsill tiegħu.

Dan l-aħħar inħabata l-bidu għal sit ġdid ta' l-internet www.kappellimaltin.com, li l-għan tiegħu hu li jqajjem interess u apprezzament għal dawn il-knejjes jew kif inhuma magħrufin komunament kappelli. F'din ir-rubrika li qed tingieb mill-awtturi ta' www.kappellimaltin.com, se mmorru dawra madwar tant kappelli li hawn f'pajjiżna, biex insiru nafuhom iktar u napprezzawhom meta ngħaddu maġenb xi waħda minnhom. In-nies wara din il-website huma Joe Brincat, Roderick Busuttil u Noel Ciantar.

Qed jixxandar ukoll programm fuq Radju Marija li jittratta l-istess suġġett bl-isem "Mat-Tokki ta' Qniepen Żgħar". Il-programm qed jixxandar kull nhar ta' Tnejn fis- 7 ta' filgħaxija, b'repettizzjoni l-Ħadd fis-2 ta' wara nofsinhar.

